# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 420/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Ian Abdilla)

vs

**Daphne Farrugia**

bint Carmelo, imwieleda Pieta', fit-26 ta' Lulju, 1991, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 471791(M)

u

**Gigliola Farrugia**

bint Carmelo, imwieled Pieta', fis-26 ta' Lulju, 1991, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 471891(M)

Illum, 12 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Daphne Farrugia u Gigliola Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli matul is-snin 2007 u 2008 gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Felix Falzon.

   Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputati hatja ta' frodi b'eghmil qarrieqi kif ukoll ta' qliegh b'qerq fil-konfront ta' Felix Falzon ghal perjodu ta' bejn Dicembru 2007 u Jannar 2008 u ghal perjodu bejn Awwissu 2008 u Novembru 2008, bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 37, 31, 533 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ikkundannathom ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti ordnat lill-hatja, ihallsu lil Felix Falzon fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, is-somma ta' tmint elef erba' mija u sebgha u sittin Euro u hamsin centezmu (€8467.50) liema somma qed tigi stabbilita minn dina l-Qorti bhala kumpens ghat-telf minnu subit.

Il-Qorti ordnat lill-hatja ihallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, u cioe' mitejn tmienja u disghin Euro u sittax-il centezmu (€298.16) ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Daphne Farrugia u Gigliola Farrugia tal-14 ta' Ottubru, 2013 fejn talbu li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u tilliberahom minn kull imputazzjoni, htija u piena jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok timponi piena gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel aggravju tal-appellanti huwa bbazat fuq l-importanza illi l-Ewwel Qorti tat lid-diversi stqarrijiet rilaxxati minnhom, u ezebiti a fol. 16-23 et seq tal-process.

F'dan ir-rigward, jigi umilment sottomess illi dawn kellhom jigu sfilzati, u dan minhabba li jiksru d-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq u dan tenut kemm ta'l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll ta'l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u skorta ta'gurisprudenza kopjuza b'mod partikolari Salduz vs Turkey, Brusco vs France u sentenzi ohrajn tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll is-sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fil-kazijiet ta' Esron Pullicino, Mark Lombardi u Alvin Privitera.

Illi dan id-dritt fundamentali huwa aktar u aktar relevanti fil-kaz odjern, li jikkoncerna zewg tfajliet minuri, b'fedina penali netta, fl-ewwel esperjenza taghhom mal-ambjent tal-Pulizija, arrest u investigazzjoni, u minghajr ma anqas, almenu, kienu akkumpanjati minn xi hadd mill-genituri taghhom. Ghaldaqstant, il-prova ta' l-isqarrija ghandha tigi sfilzata jew kompletament skartata ghal fini ta' valur probatorju.

Illi l-esponent ihossuhom aggravati wkoll peress illi l-Ewwel Onorabli Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kif ukoll apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha, li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Jibda biex jinghad, illi biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jikonkorru tlett elementi principali. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, li ghandha ssir ampja referenza ghaliha sa llum, il-Qorti ghamlet esposizzjoni dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dan ir-reat, illi in succinct huma s-segwenti.

Fl-ewwel lok irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u l-allegat vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri telf patrimonjali, u dan billi:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza
ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika,
jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu.

**<u>Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti</u>**.

Illi b'riferenza ghall-ewwel element, cioe' dak tan-ness bejn is-suggett attiv u dak passiv, u cioe' dak tar-relazzjoni bejn iz-zewg appellanti u l-vittma, jirrizulta ampjament mill-provi prodotti li din r-relazzjoni kienet wahda sfurzata minn Falzon frott ta' attrazzjoni fizika qawwija li kellu fil-konfront taz-zewg minuri appellanti, u certament ma kienetx xi wahda mfittxija jew mixtieqa mill-appellanti. Jirrizulta illi fl-ewwel inkontru ma' Falzon, il-minuri pruvaw jevitawh u kienet biss l-insistenza tieghu illi wasslet ghal inkontri successivi.

Illi b'referenza ghall-element tal-uzu ta' ingann jew raggiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri telf patrimonjali, jigi rilevat illi l-minuri m'ghamlu xejn b' ingann biex inghataw ammont minimu ta' flus. Il-fatt illi l-allegata vittma ghamel diversi zbanki repetuti mill-kont bankarju tieghu, ma jfissirx, u certament ma hijiex prova sufficjenti illi dawn l-izbanki saru propju, konsegwenza xi agir taz-zewg appellanti jew ta'xi hadd minnhom izda purament konsegwenza tal-attrazzjoni u persistenza li kellu Falzon fil-konfront tal-minuri.

Inoltre, anke jekk Falzon ghadda xi flus lil minuri, dan l-att sar indipendentement minn kull talba li huma setghu ghamlu ghal xi flus, liema talba lanqas fl-aghar ipotesi xorta ma tikkwalifika bhala frodi, peress illi certament ma hemmx l-element tar-raggiri u ta' ingann.  Jidher car mill-provi prodotti illi, dak li kien qed igieghel lil Falzon jaghtiehom xi flus jew rigali, kienet biss il-hegga u iz-zelu zejjed tieghu sabiex jinghogob maghhom, u dan minhabba l-attrazzjoni fizika qawwija li huwa kellu lejhom jew lejn minn minnhom. Dan jirrizulta car minn l-ewwel dikjarazzjonijiet tieghu stess, fejn fuq il-pedana tax-xhieda a fol. 40 tal-process, fejn b'referenza ghal minuri  huwa jghid illi: *'jien rajthom li kienu helwin u xaghra iswed. Kienet gustuza…jiena kont vera rajtha helwa u wiccha sabih u xaghra iswed u kienet libsa sabih ukoll…'*

Illi huwa car minn din id-deskrizzjoni illi kien hemm attrazzjoni fizika qawwija minn persuna li kellha aktar minn teltin sena lejn persuna/i minorenni, u illi indipendentement mill-legalita ta' l-imsemmija relazzjoni, jidher illi dan kien il-fattur principali li wassal lil Falzon jaghmel affarijiet, sabiex b'kull mezz jidher helu ma', u jigbed is-simpatija tal-minuri.

F'dan ix-xenarju l-minuri, ma kien jehtigielhom jaghmlu ebda sforz partikolari u zgur ebda att teatrali li jammontaw ghal raggiri kif titlob il-ligi, sabiex jottjenu kwalsiasi haga li setghu xtaqu minghand Falzon. Fic-cirkostanzi, din l-attrazzjoni trendi kwalsiasi manuvra ohra da parti tal-minuri, bla bzonn u bla skop, stante li l-istess atrrazzjoni kienet wahedha bizejjed biex twassal lil Falzon jaghti lil minuri dak kollu li jridu. Fil-kuntest ta'din l-attrazzjoni, zgur ma kien ihalli lok ghal ebda necessita' ta'xi fabbrikazzjoni jew messa in xena da parti tal-minuri, sabiex jottjenu xi haga min ghandu.

Illi inoltre, hawn si tratta ta'zewg tfajliet minuri ta'sittax-il sena li certament wiehed ma jistax jimputalhom xi tip ta'makkekerija fina li tista' tigi ma' l-eta' u aktar ma wiehed javvanza fiz-zmien. Ghaldaqstant, dan huwa wkoll fattur illi ma giex mehud in konsiderazzjoni minn l-Ewwel Qorti. Dan in-nuqqas wassal lil l-Ewwel Qorti ghall-apprezzament zbaljat tal-provi.

Illi f'dan il-kuntest issir referenza wkoll ghar-relazzjoni ta'l-espert Martin Bajada (Dok MB 1), fejn gie ezaminat il-mobile ta'Felix Falzon, u minn liema jirrizulta car, illi n-numru ta'messaggi li baghtu l-minuri fuq il-mobile tieghu kien wiehed minimu u limitat. Dan il-fatt jikkorabora car it-tezi ta'l-appellanti li huma ma kellhom ghalfejn jaghmlu ebda sforz partikolari sabiex jinghataw xi flus jew rigali. Illi mill-messaggi li jirrizultaw minn dan ir-rapport mhux talli ma jirrizultawx l-estremi jew b'xi mod, elementi ta' *messa in scena*, izda talli lanqas jirrizulta xi nsistenza jew sforzi partikolari da parti tal-minuri.

Illi kif inhuwa risaput dikjarazzjoni nveritjiera jew gidba mhix bizzejjed biex tikkwalifika bhala frodi ai termini tal-ligi, u certament lanqas zeghil esagerat jew dikjarazzjoni ta' mhabba fiergha, b'riferenza ghal-fattispeci tal-kaz odjern, wahedhom, ma jissodisfaw il-vot tal-ligi, sakemm ma jkunux akkumpanjati minn azzjonijiet jew makkinazzjonijiet ohra elenkati aktar qabel.

Illi ghal kull bon fini u minghajr pregudizzju l-involviment taz-zewg minuri, kien wiehed kompletament differenti minn xulxin, peress illi l-involviment tal-minuri Gigliola Farrugia kien weiehed *de minimis* u ghandu jigi analizzat f'din il-perspettiva. Ghalekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex titfa liz-zewg appellanti fl-istess keffa izda kellha tanalizza l-partecipazzjoni

taghhom b'mod separat u individwali. Jerga jigi ribadit illi lanqas hemm xi mijjiet jew elef ta'messaggi li setghu jikkondizjonawh.

Illi fl-apprezzament tal-provi, il-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi Falzon kien kostrett jipponta subghajh lejn haddiehor sabiex jahbi l-fatt illi l-attrazzjoni tieghu lejn minuri, kienet wasslitu jaghti flus jew rigali lill-istess. Dan qed jinghad fil-kuntest ukoll tar-rabja sostanzjali li wera missieru fil-konfront tieghu meta skopra li ibnu kien agixxa b'dan il-mod. A fol. 66, missier Felix Falzon, u cioe' Joseph Falzon, jghid illi '*jiena x'hin sibt illi dawn il-flus sparixxew minn fuq il-ktieb qbadt nghajjat u dan u ghidtlu dawn il-flus kollha x'ghamilt bihom...imbghad qalli slifthom tfajla u qalet li ser taghtiehomlu.'*

Wiehed irid jara dan, fil-kwadru tal-fatt illi Falzon facilment seta` jigi ntimidat mill-genituri tieghu peress li sfortunatament isofri minn dizabilita` u, illi certament jibza' mill-genituri tieghu, u li tali biza` wasslitu biex jiggustifika ruhu ghal dak li ghamel billi jwahhal fil-minuri, ghal flus li kien gibed. Aktar u aktar, meta wiehed jikkonsidra wkoll ix-xhieda tal-minuri Daphne, a fol. 86 tal-process, illi tghid illi Falzon kien jiftah qalbu maghhom, u jghidilhom illi huwa gieli gie msawwat minn missieru.

Illi in oltre jekk missier Falzon kien ihoss illi ibnu kien prodigu jew b'xi mod iehor laxk fl-amministrazzjoni tal-beni tieghu jew iberbaq flusu, kellu rimedji civili sabiex jipprotegi lill-istess ibnu u l-interessi tieghu.

Illi di piu` jigi umilment rilevat illi l-element materjali tat-truffa, huwa wkoll mankanti f'dan il-kaz. Huwa necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dan il-kaz huwa evidenti li l-minuri, jew min minnhom, ma ghamlu xejn, u ma kellhom ghalfejn jaghmlu xejn sabiex jikkonvincu lil Falzon jaghtiehom xi haga. In oltre semplici gidba mhux sufficenti sabiex tissodisfa l-vot tal-ligi f'dan il-kuntest.

Dwar l-artifizzji, fil-fatt il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb li ghaliha gia saret referenza aktar l'fuq qalet illi '***hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

Fl-istess sentenza, il-Qorti ccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn in kwantu ghar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti, fis-sentenza citata aktar il-fuq (Il-Pulizija vs Charles Zarb), qal illi ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta'apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene...Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Fl-imsemmija sentenza, saret referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale fejn gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive***

***induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179).***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, l-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) jirretjeni illi: *"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, dwar il-piena l-esponenti, preliminarjament, jibdew biex jirrilevaw illi hija ferm insolita li Qorti tichad talba biex kawza issir bil-maghluq meta dan jikkoncerna mhux biss minuri izda wkoll l-allegat vittma, li huwa persuna li jbati minn disabilita. Hija kwazi konswetudinarja d-divjet tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet jew smigh bil-maghluq meta proceduri jkunu jikkoncernaw minuri jew persuni b'disabilita, specjalment meta wiehed jikkonsidra illi tali talba saret mill-prosekuzzjoni stess.

Ill inoltre, fi zmien fejn qed ikun enfasizzat dejjem aktar l-aspett riformattiv tal-piena, u fejn infatti anke l-legislatur kontinwament qed jintroduci pieni alternattivi illi jiffokaw fuq ir-riforma tal-hati aktar milli l-aspett rettributtiv, piena ta' prigunerija sospiza fil-massimu certament ma tirrispekkjax din il-linja ta' hsieb. Certament illi piena karcerarja, anke jekk sospiza, mhix indikata ghal *first time offenders*, minuri b'fedina penali netta specjalment meta l-gudikant ghandu ghad-disposizzjoni tieghu varjeta ampja ta' mizuri intizi partikolarment ghal first offenders, specjalemnt meta ulterjorment dawn ikunu minuri fiz-zmien tat-twettiq tar-reat.

Illi dwar il-komputazzjoni tal-ammont ta' flus illi Falzon allegatament ghadda lill-minuri jew min minnhom, jigi rilevat illi huwa ferm difficli wiehed jasal, kif ghamlet l-ewwel Qorti, ghal ammont tant preciz sa l-inqas centezmu, u certament wiehed ma jistax jikkonkludi li l-ammonti

kollha li ngibdu mill-kont bankarju gew mghoddija lill-minuri, anke peress illi Falzon stess kien juza ammont ta' flus ghal bzonnijiet personali tieghu nkluz ghal hajja ta' kuljum. Inoltre, mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta car illi Falzon kellu hajja socjali, u li fil-fatt kien anke jmur jixrob gewwa Paceville.

Ghaldaqstant huwa ferm difficli jekk mhux impossibli f'kaz bhal dan illi wiehed jasal gahl cifra preciza sac-centezmi peress illi lanqas Falzon stess ma kien jaf jaghti cifra preciza izda kien ferm approssimativ fl-estimi tieghu fid-deposizzjoni tieghu u ghal dawn ir-ragunijiet fl-umli fehma tal-esponenti s-somma ndikata mill-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda esagerata.

Illi l-esponenti jirriservaw li jitolbu li jithejja social enquiry report fl-istadju opportun ta'dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-14 ta' Jannar, 2014.
Fl-ewwel lok fir-rigward tal-istqarrijiet jinhad b'kull rispett li d-difiża qatt ma qajmet lanjanża kostituzzjonali dwar dawn l-istqarrijiet u huwa biss issa li qed tippretendi li dawn l-istqarrijiet kellhom jiġu sfilzati mill-Qorti minħabba li jistgħu jassimilaw ruħhom mal-istqarrijiet fil-każijiet fl-ismijiet Pulizija vs Alvin Priviter, Esron Pullicino u Mark Lombardi. Jinghad preliminarjament li f'kull waħda minn dawn il-każijiet saret lanjanża appożita li ġiet stabbilita mill-Qorti Kostituzzjonali li għandha s-setgħa li tiddeċiedi fuq punti ta' natura Kostituzzjonali.

Illi in oltre dawn is-sentenzi ġew segwiti minn diversi sentenzi oħra inkluż Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali u ħafna oħrajn fejn il-posizzjoni tal-interpretazzjoni ta' dawn l-istqarrijiet ġiet kristillizata appuntu b'referenza għal kaz ta' Salduz vs Turkey li kien jifforma l-isfond tas-sentenzi mogħitja fil-każijiet ta' Priviteri, Pullicino u Lombardi. Skont din is-sentenza l-fatt waħdu li bniedem ma jkunx assistit minn avukat qabel ma jirrilaxxa stqarrija m'għandiex twassal għal ksur awtomatiku tad-drittijiet ta' dak li jkun u li semmai wieħed irid iqis il-fattispeċie ta' dawn l-istqarrijiet apparti ċ-ċirkostanzi tal-każ u tal-imputati.

Illi huwa minnu li entrambe l-akkużati kellhom sbatax il-sena meta tkellmu mal-pulizija u dawn l-istqarrijiet ittieħdu qabel ma daħal fis-seħħ l-obbligu tal-assistenza legali. Di piu' ma kellhomx

fedina penali refrattarja u jidher li dan kien l-uniku reat reġistrabbli li kienu kkomettew. Madankollu jinghad illi r-reat li bihom jinstabu mixlija seħħ fuq medda ta' żmien tant li l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 18 meta ġiet biex timponi piena u kien hemm iktar minn stqarrija waħda da parti ta' Daphne Farrugia wkoll. Jidher ukoll ċar li huma ngħataw it-twissija skont il-liġi u rrilaxxaw l-istqarrija b'mod volontarju tant illi anki ffirmaw l-istqarrijiet irrilaxxati minnhom. Jinghad ukoll li l-każ in kwistjoni mhuwiex ibbażat biss fuq dak li hemm fl-istqarrija li wara kollox lanqas ma tirrappreżenta ammissjoni tal-akkużati għar-reat addebitat kontrihom. Kwindi l-ewwel Qorti bbażat il-ħtija fuq il-verzjoni tal-vittma apparti provi oħra in sostenn ta' allegazzjonijiet magħmula minnu.

Illi in oltre tajjeb li jinghad ukoll li anki jekk il-lanjanza kellha tissuċċedi f'dan il-każ, f'ebda waħda minn dawk il-każijiet imsemmija mill-akkużati ma kien hemm l-ordni tal-isfilz tal-istqarrijiet meħuda minn Qorti jew oħra u dan peress li ġie stabbilit li l-istqarrijiet in kwistjoni jkunu ttieħdu skont il-liġi ta' dak iż-żmien. Ikun imbagħad jispetta lil min irid jiġġudika li jiddeċiedi x'piż ser tagħti li dawn l-istqarrijiet (dment li jkun hemm lanjanza stabbilita mill-liġi) meta jiġi stabbilit l-estent ta' jekk il-fatt waħdu li ma kienx hemm assistenza setgħetx twassal għal inkriminazzjoni ta' dak li rrilaxxa. F'dan il-każ il-kontenut tal-istqarrijiet mogħtija waħedhom jikkonfermaw xi fattispeċie tal-każ iżda indubjament ma jwasslux għal inkriminazzjoni tal-akkużati u ma jikkonfermawx xi wħud mill-elementi rikjesti sabiex ir-reat ta' frodi jissussisti.

Kwindi fir-rigward ta' dan l-ewwel punt il-Qorti ma kellha l-ebda obbligu u lanqas ma setgħet tisfilza dawn l-istqarrijiet li huma provi ammissibbli skont il-liġi u lanqas ma kienet obbligata li ma tqis il-kontenut tagħhom li wara kollox sar da parti tagħha sabiex turi l-kuntrast fil-verzjonijiet bejnhom u dawk mogħtija mill-vittma f'dan il-każ.

Illi fit-tieni lok u fir-rigward tal-elementi tar-reat tal-provi a skans ta' repetizzjoni jinghad illi l-esponent Avukat Ġenerali jista' jaqbel mal-elementi kif ipprospettati mid-difiża fir-rikors tagħha apparti l-fatt li jekk xi waħda minn dawn l-elementi ma tirriżultax allura l-akkuża tal-frodi ma tissusistiex. Allura jkun opportun li nduru naraw il-provi li hemm f'dan il-każ sabiex naraw jekk

l-elementi tad-dolo, tal-messa in xena u tan-ness dirett bejn l-frodist u l-vittma, apparti d-dannu kkaġunat jissusistux jew le.

Rigward in-ness dirett bejn is-suġġett attiv u dak passiv senjatament bejn min ikkometta r-reat allegat u l-vittma dan ġie kkonfermat mingħajr ombra ta' dubbju u mhux biss minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Huwa evidenti mill-provi miġjuba li l-akkużati kienu jafu lill-vittma u iltaqgħu miegħu diversi drabi. Saret anki prova ta' komunikazzjoni bejniethom kemm permezz ta' SMS kif ukoll bil-fomm apparti li kienu jiltaqaw allavolja kultant għall-perijodi qosra. Il-fatt li skont kliem l-akkużati li anki xehdu waqt il-proċeduri huma ma riedux oriġinarjament ikunu ħbieb tal-vittma ma tbiddel xejn u dan tenut kont tal-fatt li xorta nibdet ħbiberija bejniethom li waslet ukoll għar-reat li bihom jinstabu mixlija l-akkużati. Kwindi l-allegazzjoni li din kienet relazzjoni sfurzata meta nsibu wkoll messaġġi li ntbagħtu mill-akkużati lill-vittma sabiex jiltaqgħu miegħu biex iħallashom eċċ meta dan ma kienx qed iġġiegħlhom jiltaqgħu miegħu u lanqas ma jidher li wisq kienu qedgħin jiddejqu tenut kont tal-fattispeċie tal-każ, mhiex sottomissjoni li għandha mis-sewwa.

Rigward l-element ta' ingann u raġġiri li skont l-akkużati qatt ma kien jeżisti, filwaqt li l-esponent tista' taqbel li gidba mhiex biżżejjed sabiex tali ngann jissusisti, apparti li jrid ikun hemm 'messa in scena' biex din il-gidba tissaħħaħ ulterjorment, jinghad li f'dan il-każ ma jittrattax biex gideb li l-akkużati għamlu fil-konfront tal-vittma. Skont il-vittma huwa minnu li huma kienu jitolbuħ flus biex jagħmlu xagħrhom jew għal affarijiet personali tagħhom liema fatt waħdu ma twassalx għal frodi jekk kien jaf għal xiex riedu l-flus li kien itihom. Kienu jgħidulu wkoll li ma kienux jaħdmu li ma kienx minnu li tista' titqies bħala sempliċi gidba li mhux issostanzjati b'azzjonijiet. Madankollu apparti li fil-fatt approfittaw ruħhom minnu meta ħadulu dawk il-flejjes kollha li kien tahom u liema flejjes qatt ma ngħataw lura lilu, dan sar billi l-akkużati ma kienux jigdbu biss iżda kienu jgħidulu li jħobbuħ u kienu jikkomunikaw miegħu fejn qed jgħidulu li kienu qed joħolmu fuqu u Daphne Farrugia kienet anki qaltlu li riedet tiżżewġu u li kienet tħobbu ħafna u kienet issaħħaħ din il-gidba bil-komunikazzjonijiet u laqgħat regolari miegħu li waqfu ħabta u sabta meta l-vittma ma kellux iktar flus x'jagħtihom[1]. Dan kien

[1] Paġna 44 tal-proċess.

iktar msaħħaħ mir-rieda ta' Daphne li tiltaqa anki mal-ġenituri ta' xulxin minħabba dan iż-'żwieġ' li allegatament riedet li jitwettaq. Kwindi ma kienx limitat biss għal kliem, apparti l-fatt li evidentement la akkużat u lanqas l-oħra ma kellhom l-intenzjoni li jkollhom relazzjoni serja jew amoruża mal-vittma. Skont ix-xhieda tal-vittma Daphne kienet titolbu l-flus u kienet tinsisti miegħu sal-punt li kienet tgħidlu li jekk ma jħallasiex kienet ser tweġġa lilha nnifisha[2]. Milli jidher Daphne kienet talbitu wkoll il-flus biex tixtri karrozza bil-pretiża li ġaladarba din ikollha vettura ser tmur taħdem. Fil-fatt irriżulta li hi kienet taħdem diġa u kwindi dan ma kienx minnu lanqas. Skont il-vittma wkoll hu kien qed issellifhom il-flus u mhux itihom il-flus u fil-fatt kellhom iħallsuh lura[3]. Evidentement il-vittma waqa' fit-trappola tagħhom u dan peress li hu ħa pjaċir b'din l-attenzjoni kollha li kien qed jirċievi li mandankollu kellha skop wieħed biss u ċioe li joħdulu flusu.

Fir-rigward tal-element materjali ta' truffa li allegatament huwa mankanti dan ukoll jirriżulta. Daphne partikolarment kienet titolbu l-flus għal ħaġa jew għal oħra u hu kien itihomla. Oħtha Gigliola kienet tkun magħha u kienet taf eżattament x'kien għaddej tant li anki hi kienet użat xi flus minnhom għal affarijiet personali għaliha. In oltre jidher illi kellhom iħallsuħ lura...ħaġa li pero' qatt ma seħħet u li minn kliem it-tfajliet stess ma jidhirx li kienet l-intenzjoni tagħhom lanqas peress li fl-opinjoni tagħhom dan kien rigal da parti tiegħu[4].

Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit jingħad ukoll li mportanti wkoll li wieħed iżomm ukoll f'moħħu li hawnhekk qed nittrattaw persuna li tbagħti minn diżabbilta fisika u komunikativa u mhux persuna kwalunkwe u li allura fiha nnifisha hija iktar vulnerabbli minn ħaddieħor. Kwindi meta titqies anki l-ġideb li kien hemm f'dan il-każ u l-ażżjonijiet li saru da parti tal-akkużati wieħed irid ukoll iqishom fil-kuntest tal-istat fisiku tal-vittma u dan qed jinhad in vista ta' dak allegat mill-akkużati fis-sens illi '*l-manuvri jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu ta' natura li jippressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja*'. Lanqas huwa ġust li jintefa

---

[2] Paġna 42 tal-proċess.

[3] Paġna 47 u 48 tal-proċess.

[4] Paġna 86 tal-atti proċesswali u paġna

dawl ikraħ fuq il-vittma minħabba d-diskrepanża fl-eta’ tal-vittma mill-akkużati u minħabba li kien attrat lejhom, speċjalment lejn Daphne jew jinghad li donnu mhux qed jgħid il-verita’ hu għax allegatament kien jibża mill-ġenituri tiegħu. Wara kollox meta’ xehed żamm mal-istess verzjoni li kien ta lill-pulizija u li stqarr ma missieru meta skopra li kienu spiċċawlu l-flus li bir-raġun kien irrabjat għal li kien ġara.

Kwindi fl-umli opinjoni tal-prosekuzzjoni l-elementi rikjesti mill-liġi għar-reat tal-frodi anki tenut kont tal-istat tal-vittma jissusistu.

Illi jinghad ukoll b’referenża għall-komputazzjoni magħmula ai fini tal-kumpens, l-ewwel Qorti għamlet kalkolu sħiħ fid-dawl tal-fatturi eżebiti, l-ktieb tal-bank tal-vittma u ix-xhieda tal-istess vittma.

Illi finalment rigward il-piena jinghad illi l-akkużati ngħataw sentenza sospiża kull wieħed u kwindi l-esponent ma tistax tifhem għalfejn fl-opinjoni difensjonali tali piena mhiex waħda adegwata jew idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Di piu' l-Qorti applikat ukoll l-artikolu 18 li fih innifsu jgħolli l-piena bi grad u li xorta waħda ma kinitx waħda karċerarja u effettiva.

Għaldaqstant l-esponent hija tal-opinjoni illi l-aggravji fl-appell fit-totalita’ tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-istqarrijiet li gew rilaxxati lill-pulizija. Fl-ewwel lok, ghandu jigi rilevat li l-persuni akkuzati kienu minorrenni meta l-pulizija hadu dawn l-istqarrijiet taghhom. Mill-atti ma jirrizultax li l-genituri taghhom kienu prezenti.

Illi dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati fit-13 ta' Novembru, 2008 u fit-3 ta' marzu, 2009. Kienu tlett stqarrijiet. Tnejn gew rilaxxati mill-appellanta daphne Farrugia u wahda minn Gigliiola Farrugia, ahwa tewmien.
Illi f'dak iz-zmien il-ligi dwar l-assistenza tal-avukat kienet ghaddiet mill-Parlament izda kienet ghada ma giex fis-sehh.

Illi a bazi tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-1 ta' Dicembru, 2016 fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Chukwudi Samuel Onyeabor" gie stabilit li la darba l-indagati ma nghatax lilhom il-fakulta' li jkellmu avukat jirrizulta li l-istqarrija ghandha tigi sfilzata.

Illi ghalhekk, l-ewwel aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi milqugh u din il-Qorti tordna l-isfilza ta' l-istqarrjiet ta' l-appellanti.

Illi konsegwenza ta' dan din il-Qorti trid tezamina l-provi li fadal fl-atti ta' din il-kawza. Dan ifisser li trid tigi ezaminata x-xiehda tal-parte civile, kif ukoll ix-xiehda moghtija mill-appellanti fl-ewwel Qorti u id-dokumenti kollha ezebiti.

Illi l-versjonijiet f'dan il-kaz huma tnejn. Il-parte civile li offriet ix-xiehda taghha fejn spjegat kif gie raggirat mill-appellanti. Min-naha l-ohra z-zewg appellanti jichdu bil-qawwa li Felix Falzon tahom xi flus. Huma jillimitaw ir-rigali li rcevew ghal cards ghall-mobile, drinks u ikel. Dwar l-ghotja diretta ta' flus huma jichdu kategorikament.

Illi l-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghal kont bankarju ta' Felix Falzon. Minn analizi ta' dan il-kont jirrizulta li fil-perjodi tal-hbiberija bejn il-partijiet cioe' minn Dicembru, 2007 sa Jannar, 2008 u Awwissu sa Ottubru, 2008 il-'withdrawls' fil-kont bankarju tal-parte civile kienu anomali. Dan jindika car li Felix Falzon kien qed jonfoq hafna izjed minn dak li hu kellu bzonn ghal htijiet tieghu.

Illi dan hu avallat mill-messaggi telefonici li huma ndikati fir-relazzjoni tal-espert u mid-Dokument IC5 li kollu jitkellmu fost affarijiet ohra fuq ghoti ta' flus.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-versjoni tal-parte civile hi wahda ferm aktar kredibbli. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-ewwel Qorti u taqbel perfettament mar-ragunament taghha li l-akkuza kontra l-appellanti giet pruvata minghajr ebda dubju dettat mir-raguni.

Illi l-ewwel Qorti hi tal-fehma li l-parte civile ghandha tiehu lura s-somma ta' €8,4667.50. fil-fehma ta' din il-Qorti din is-somma ma tiehux in konsiderazzjoni li l-parte civile, minn rajha, xorbot, kielet u hadet pjacir mal-appellanti. Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tiffissa s-somma ta' hames telef euro (€5,000) bhal somma aktar reali li l-appellanti hadu minghand Felix Falzon.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad fil-meritu l-appell ta' Daphne Farrugia u ta' Gigliola Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Din il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont tal-eta' tal-appellanti u tal-fatt li huma ghandhom fedina penali netta l-applikazzjoni tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jkun aktar ekwu u gust fic-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk, thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflokk tillibera lil kull wahda mill-appellanti taht il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lill-appellanti 'in solidum' li jhallsu s-somma ta' hames telef euro (€5,000) li Felix Falzon fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. Tikkonferma li l-appellanti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ghandhom ihallsu 'in solidum' is-somma ta' €298.16 spejjez in korsi fil-hatra ta' espert.